

# Il-Mitjar ta' Ħal Far (1929-1941)



**kitba ta' Paul Zammit**

X'aktarx li l-ewwel *aircraft carriers* li bdew isorġu fil-Port il-Kbir kien għall-ħabta tas-sena 1929. Qabel ma jidħlu, l-ajruplani ta' fuqhom kienu jittajru biex jinżlu f'Ħal Far.

L-ewwel ajruplani minn dawk li ttajru lejn dan il-mitjar kienu tat-tip *Fairey flycatchers* li kellhom ħeffa żgħira ħafna waqt it-titjir.

Fid-29 ta' Marzu 1929 infetaħ uffiċjalment dan il-mitjar bħala stazzjon tal-RAF. Qrib l-1935 kellna l-*Flycatcher* bl-iskwadri *Flycatchers* 803, 812, 823, u 825. L-ajruplani ta' dat-tip kienu aktar ħfief fit-titjir minn ta' qabilhom.



Gladiator

Fl-1937 f'Ħal Far żdiedet magħhom l-iskwadra ftit aktar sofistikata tal-ajruplani tat-tip *Swordfish*, li bdew jintużaw armati apposta għas-salvataġġ minn fuq il-baħar u kienu kapaċi jinżlu u jitilgħu minn fuq il-baħar. Warajhom ġew tip ta' ajruplani oħra magħrufin bhala *Albacores*. Wieħed minnhom kien waqa' fl-inħawi ta' Filfla u ttella' mill-baħar riċentament.

Lejn l-aħħar tas-sena 1936 il-mitjar ta' Ħal Far sar magħruf bħala l-bażi uffiċjali tal-*Fleer air arm*. Wara segwew l-ajruplani l-aktar ħfief u sofistikati tat-tip *Gladiator*.

Ħafna għadhom tal-fehma li fl-ewwel jien tat-Tieni Gwerra Dinjija li laqtitna f'Ġunju tal-1940 kellna għad-difiża ta' Malta 3 *gladiators* biss. L-ismjiet mogħtija kienu *Faith, Hope u Charity*, u x'aktarx li dawn ingħatawlhom mill-Group Captain George Burgess li kien kattoliku.

Hemm min hu tal-fehma li kien xi ġurnalist li semmihom hekk. Illum hu magħruf li għall-ewwel kellna sitt ajruplani *Gladiators* li wħud minnhom ħallewhom għall-*ispare parts* meta xi ajruplan kien ikollu l-ħsara. Kellna wkoll sitt ajruplani oħra tat-tip *C Gladiators* u xi oħrajn ippakkjati bil-kaxxi bħal :-(N5519, 5520, 5522, 5529, u 5513).

L-ewwel kap kmandant ta' Ħal Far kien l-Air Vice Marshall Maynand AFC u f'Ġunju tal-1941 inbidel mal-Air Vice Marshall Hughe Pughe.

Jgħidu li Maynand aċċetta li jiġi Malta bil-patt li jġib miegħu mill-Eġittu l-kelb li kellu. Kien jeħodlu ħsiebu ċertu Mikiel, imlaqqam is-Sinċier, mill-Qrendi li kien joqgħod fejn dak iż-żmien kienet tispiċċa Triq il-Kurat Mizzi. Mikiel kien wieħed mill-ftit li kien jaf bl-Ingliż mhux ħażin.

Wara ġew il-*Hurricanes*, li kienu b'ġewnaħ wieħed u ta' ħeffa kbira. Madankollu l-*Gladiators* kellhom is-suċċessi tagħhom. Qerdu żewġ ajruplani *Savoia Marchetti*, żewġ *Macchi 200*, *Cr42*, u *Junker 88*. Kellhom ħeffa ta' 253 mil fis-siegħa u kienu joperaw f'għoli ta' 33,000 pied. F'Ta' Qali kien hemm l-iskwadra 261 li bħall- *Gladiators* kienu jittajru minn hemm ukoll.

**Referenzi:**

Tifkiriet tal-awtur
Combat Aircraft, B. Guston
Malta Blitzed but not beaten, Ph. Vella
Battle of Malta, J. Attard
Malta at War, J. A. Mizzi